


Linji Gwida dwar I-Etika

għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Daħla tal-President



Għeżież kollegi,

Ilkoll kemm aħna niffaċċjaw sitwazzjonijiet li jirrikjedu li jittieħdu deċiżjonijiet u jsiru għażliet dwar kif għandna nġibu ruħna sabiex nikkonformaw mar-regoli u l-prinċipji etiċi tagħna. Pereżempju, jista' jkun li jkollna niddeċiedu jekk naċċettawx stedina għal ikla mingħand entità awditjata, jew jekk niddivulgawx informazzjoni rikjesta mingħand kollega. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jiggrawda u jipprovdi ħarsa ġenerali konċiża lejn ir-regoli u l-prinċipji rilevanti, li se jiġu kkomplementati b'eżempji prattiċi biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom.

Għalkemm għandna dawn il-linji gwida biex nagħtuk appoġġ u nipprovdulek parir dettaljat, kull sitwazzjoni hija unika. L-ebda regola unika ma tista' tkopri kull ċirkustanza; il-kors ta' azzjoni t-tajjeb xi kultant huwa diffiċli li jiġi determinat. Iffaċċjat bi kwistjoni etika, inti tista' tieħu diversi passi: tanalizza l-aspetti rilevanti kollha tal-problema; tikkonsulta l-linji gwida; tiddiskuti s-sitwazzjoni mal-ġerarkija tiegħek jew tikkuntattja lill-konsulenti etiċi tal-QEA. M'għandekx għalfejn issolvi dawn il-problemi waħdek; l-appoġġ huwa dejjem disponibbli.

Flimkien, kollha kemm aħna nistgħu nikkontribwixxu biex nipromwovu kultura etika b'saħħitha fl-istituzzjoni tagħna.

Tony Murphy
Il-President

Introduzzjoni

01 Ir-regoli li jirregolaw il-kondotta tal-Membri u tal-persunal tal-QEA huma stabbiliti fit-Trattat¹, fir-Regolamenti tal-Persunal², u fir-regoli u d-deċiżjonijiet interni tal-Qorti u tas-Segretarju Ġenerali³. Dawn ir-regoli huma vinkolanti, u l-ksur tagħhom jista' jagħti lok għal sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-QEA, bħala istituzzjoni tal-awditjar, taderixxi bis-siġħ mal-Kodiċi tal-Etika tal-INTOSAI, li jipprovdi sett ta' valuri u prinċipji li fuqhom il-persunal għandu jibbaża l-imġiba tiegħu.

02 Il-missjoni tal-QEA, kif iddefinita fl-istrateġija għall-perjodu 2021-2025 tagħha, hija li: “permezz tax-xogħol tal-awditjar li nwettqu, li huwa indipendenti, professjonali u jħalli impatt, aħna nivvalutaw l-ekonomija, l-effettività, l-effiċjenza, il-legalità u r-regolarità tal-azzjonijiet tal-UE biex intejbu l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja, b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u nirrispondu b'mod effettiv kemm għall-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-UE kif ukoll dawk li se tiffaċċja fil-futur”.

03 Biex tiffunzjona bħala awditur indipendenti estern tal-finanzi pubbliċi, il-QEA trid titqies li hija affidabbli u kredibbli f'dak kollu li tagħmel. Jeħtieġ li hija taġixxi bħala organizzazzjoni mudell, u jenħtieġ li tippromwovi u tissalvagwardja l-etika u l-valuri etiċi f'kull aspett tal-attivitajiet tagħha. Kull wieħed minna li jaħdem il-QEA jista' jikkontribwixxi biex jitrawmu l-fiduċja u l-kunfidenza fil-partijiet ikkonċernati tagħha, fl-entitajiet awditjati, u fiċ-ċittadini tal-UE, billi nġibu ruġna b'mod etiku u nevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timmina lill-istituzzjoni, anke wara li nkunu tlaqna minnha.

04 L-ewwel parti ta' dawn il-linji gwida dwar l-etika hija bbażata fuq il-valuri, il-prinċipji u l-imġiba li jeħtieġ li nosservaw f'konformità mal-ISSAI 130, u t-tieni parti tiffoka fuq l-obbligi għall-impjegati taċ-ċivil li ġejjin mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ewwel parti tapplika għall-Membri u għall-persunal l-ieħor kollu, inklużi l-esperti nazzjonali sekondati, it-trainees, il-ħaddiema *interim*, u l-kuntratturi esterni li jaħdmu fil-bini tal-QEA. It-tieni parti tapplika għall-persunal kollu li huwa kopert mir-Regolamenti tal-Persunal⁴ u, b'analoġija, l-esperti nazzjonali sekondati u t-trainees. Ir-rekwiżiti etiċi li japplikaw għall-Membri huma stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

¹ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 285 u 286).

² Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.

³ Ir-regoli u d-deċiżjonijiet interni kollha huma disponibbli fuq il-paġna dedikata dwar l-Etika fuq l-intranet tal-QEA.

⁴ Uffiċjali, persunal temporanju, u persunal bil-kuntratt. Dan jinkludi wkoll lis-Segretarju Ġenerali.

Ewropea, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti u r-Regoli ta' Implimentazzjoni relatati, u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri u l-eks Membri tal-Qorti.

05 L-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa li jgħinuna niżguraw li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha tagħna jkunu xprunati mill-valuri ddefiniti fl-istrateġija tal-QEA, u li jkunu konformi mal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi tal-INTOSAI u mal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal. Dawk il-valuri huma: l-indipendenza, l-integrità, l-oġġettività, it-trasparenza u l-professjonalità.

06 Dan id-dokument jistabbilixxi l-prinċipji gwida, iżda huwa d-dmir ta' kull persuna li tiffamiljarizza ruħha mar-rekwiżiti etiċi tal-QEA u li tapplikahom, sabiex tirreaġixxi bl-aktar mod adatt għal kull sfida etika li tista' tiffaċċja. Meta tagħmel dan, inħeġġuk tuża ġudizzju tajjeb u sens komun u, f'każ ta' bżonn, li tfittex parir u titkellem apertament mal-manigers⁵, mal-kollegi l-oħra u mal-konsulenti etiċi.

07 Il-Membri u l-maniġers superjuri għandhom responsabbiltà partikolari fil-qasam tal-etika, peress li huma stess iridu jservu ta' xempju u, permezz tal-eżempju tagħhom, jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kultura tal-istituzzjoni.

Valuri u prinċipji etiċi

Indipendenza

Aħna nwettqu l-kompiti tagħna mingħajr influwenzi li jistgħu jikkompromettu, jew li jitqiesu bħala li jikkompromettu, il-ġudizzju professjonali tagħna.

08 Huwa essenzjali li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tal-QEA. Jenħtieġ li ggħib ruħek b'mod li jipromwovi l-fiduċja fl-indipendenza tagħna, li jiżgura li inti ħieles minn ċirkustanzi jew influwenzi li jikkompromettu, jew li jistgħu jitqiesu li jikkompromettu, il-ġudizzju professjonali tiegħek.

09 Hemm żewġ aspetti għall-indipendenza: l-indipendenza fil-fatt u l-indipendenza fl-apparenza. Inti trid tkun tista' twettaq il-kompiti tiegħek mingħajr ma tiġi affettwat minn relazzjonijiet li jistgħu u/jew li jidhru li qed jinfluwenzaw u jikkompromettu l-ġudizzju professjonali tiegħek. Barra minn hekk, jenħtieġ li tevita li toħloq ċirkustanzi li jkunu jwasslu lil parti terza raġonevoli, li taf bl-informazzjoni rilevanti, li tiddubita mill-

⁵ Fil-QEA, "maniġers" tirreferi għall-Membri, għas-Segretarju Ġenerali, għad-Diretturi, għall-Maniġers Prinċipali u għall-Kapijiet tal-Kabinett.

integrità, l-oġġettività jew mix-xettiċiżmu professjonali tiegħek, jew li tikkonkludi li dawn ġew kompromessi.

10 Ma tista' taċċetta l-ebda ordni jew struzzjoni mingħand kwalunkwe gvern, awtorità, organizzazzjoni jew persuna barra mill-QEA. Jekk inti ġejt issekondat lil organizzazzjoni oħra, tista' taċċetta l-istruzzjonijiet tagħha, jekk dawn huma konsistenti mar-rekwiżiti etiċi li huma applikabbli għall-persunal tal-QEA, u ma jmorrux kontra politiki u pożizzjonijiet oħra li tkun ħadet il-QEA.

Integrità

Aħna naġixxu b'mod onest, affidabbli u unikament fl-interess pubbliku tal-UE, u l-għan tagħna huwa li mmexxu bl-eżempju fix-xogħol professjonali tagħna u fil-mod kif nimmaniġġjaw l-istituzzjoni tagħna.

11 Il-QEA hija impenjata li sservi l-interessi taċ-ċittadini tal-UE, li jistennew servizzi tal-awditjar ta' kwalità u amministrazzjoni aċċessibbli.

12 Ir-riżorsi tal-QEA jridu jiġu mmaniġġjati b'mod legali, regolari u finanzjarjament tajjeb. Jenħtieġ li hija tkun mudell għall-ġestjoni finanzjarja, filwaqt li topera f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju u r-regoli applikabbli l-oħra, u trid tilħaq l-oġġettivi tagħha b'mod ekonomiku, effiċjenti u effettiv.

13 Għalhekk, inti trid tikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti, il-politiki, il-proċeduri u l-istandards applikabbli kollha. L-għan tiegħek huwa li turi li int affidabbli, u evita kwalunkwe mġiba li tista' tiskredita lill-istituzzjoni.

14 Aġixxi b'mod li jissalvagwardja l-interessi tal-istituzzjoni. B'hekk, ma għandekx taċċetta ordnijiet biex tagħmel xi ħaġa illegali jew li tmur kontra l-etika.

Oġġettività

Aħna imparzjali u oġġettivi, u nibbażaw il-konklużjonijiet tal-awditjar tagħna fuq evidenza suffiċjenti, rilevanti u affidabbli.

15 L-oġġettività hija l-attitudni mentali li tippermetti lill-individwi li jaġixxu b'mod imparzjali u oġġettiv, li jippreżentaw jew jivvalutaw affarijiet fuq il-bażi ta' fatti aktar milli s-sentimenti u l-interessi tagħhom, u mingħajr ma jissubordinaw il-ġudizzju tagħhom għal ħadd.

16 Trid tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess, kemm jekk reali, potenzjali jew apparenti. Il-kunflitti jistgħu jirriżultaw minn relazzjonijiet familjari jew personali, affinità politika jew nazzjonali, interessi ekonomiċi jew xi interess kondiviż ma' parti terza. Trid toqgħod partikolarment attent għal dawn il-kwistjonijiet, u għal kif jistgħu jiġu perċeputi minn nies esterni. Il-kunċett ta' kunflitt ta' interess huwa relatat mhux biss ma' sitwazzjonijiet fejn membru tal-persunal għandu interess privat li realment influwenza l-imparzjalità u l-oġġettività tiegħu, iżda wkoll sitwazzjonijiet fejn l-interess identifikat għandu mnejn jidher li qed jinfluwenza dawk l-affarijiet f'għajnejn il-pubbliku. Qabel tibda kompitu tal-awditjar, proġett jew proċedura ta' akkwist, jenħtieġ li tinforma lill-maniġer tiegħek bi kwalunkwe kunflitt bħal dan jew kunflitt apparenti.

17 Jenħtieġ li l-individwi ma jawditjawx l-istess qasam għal perjodu twil ħafna ta' żmien; għal dan il-għan, il-QEA stabbiliet politika ta' rotazzjoni tal-persunal (DE 039/21).

18 Jenħtieġ li tinvolvi ruġek biss f'attivitajiet esterni kif awtorizzati mill-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-QEA, u mir-Regolamenti tal-Persunal, għall-persunal tal-QEA, u żżomm dejjem f'moħħok id-dmir ta' lealtà tiegħek lejn l-istituzzjoni. Oqgħod lura inpartikolari minn kwalunkwe attività li tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-QEA, tixħet dubju fuq l-imparzjalità tiegħek jew tinterferixxi f'xogħlok.

19 Ma tistax taċċetta, kemm għalik innifsek jew f'isem ħaddieħor, rigali jew benefiċċji oħra li jistgħu jinfluwenzaw, li huma intenzjonati li jinfluwenzaw jew li jistgħu jiġu perċeputi bħala li qed jinfluwenzaw xogħlok.

20 Relazzjoni mill-qrib⁶ bejn maniġer dirett jew indirett jew bejn superviżur u membru tal-persunal relatur timmina l-oġġettività tas-superviżur u tikkostitwixxi kunflitt ta' interess.

Trasparenza

Aħna nikkomunikaw is-sejbiet tagħna permezz ta' rapporti ċari, komprensivi u aċċessibbli, ippublikati fil-lingwi kollha tal-UE, filwaqt li nirrispettaw ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-*data*.

21 Il-QEA għandha politika ta' komunikazzjoni interna u esterna miftuħa. Il-ftuħ għandu effett pożittiv fuq il-kooperazzjoni. Informazzjoni rilevanti trid tiġi kondiviża ma' oħrajn fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif: jenħtieġ li tkun taf x'informazzjoni għandek u liema mill-kollegi tiegħek jista' jkollhom bżonnha f'xogħolhom.

⁶ Relazzjoni intima jew ħbiberija mill-qrib.

22 Madankollu, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont iridu jkunu bbilanċjati kif xieraq mad-dmir tal-kunfidenzjalità b'rabta ma' xogħlok. Għandek tiegħu passi biex tipproteġi informazzjoni skont id-dmir tal-kunfidenzjalità, li jkompli japplika anke wara li tkun tlaqt mill-istituzzjoni.

23 Kun dejjem prudenti meta' tikkondividi informazzjoni barra mill-QEA; taħsibhiex darbtejn biex tikkonsulta lill-maniġer tiegħek u lid-dipartiment responsabbli mill-komunikazzjoni, jew lid-DPO jew l-ISO.

24 Il-persunal għandu jirreferi kwalunkwe talba mingħand ġurnalista lid-dipartiment tar-relazzjonijiet mal-istampa tal-Qorti.

25 F'każ ta' talbiet għal informazzjoni mhux xierqa jew ilmenti (eż. dawk li huma ripetittivi, mingħajr sens, jew imfassla b'mod pastaż), aħna niċċduhom b'mod edukat iżda b'mod sod, u dejjem nipprovdu ġustifikazzjoni xierqa. Il-persunal tal-QEA jrid dejjem joqgħod lura milli jagħmel ilmenti mhux xierqa.

Professjonalità

F'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar, aħna niksbu, niżviluppaw u nżommu l-oġġla livelli ta' għarfien, kompetenzi u ħiliet li huma xierqa kemm għall-professjoni tal-awditjar tas-settur pubbliku, kif ukoll għall-ġestjoni finanzjarja u tal-politika tal-UE.

26 Jenħtieġ li takkwista u żżomm l-għarfien u l-ħiliet li għandek b'zonn biex taġixxi b'mod professjonali u skont l-istandards applikabbli, u l-proċeduri legali u operazzjonali. Jenħtieġ li taħdem bil-galbu, bir-reqqa u f'waqtu, b'mod li jikkorrispondi mar-rekwiżiti tal-kompiti tiegħek.

27 Il-maniġers għandhom responsabbiltà partikolari fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-persunal. Il-ħtiġijiet ta' żvilupp professjonali tal-individwi jenħtieġ li jiġu indirizzati fis-sistema ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-persunal. Il-membri u l-maniġers għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li l-persunal kollu jingħata trattament indaqs u opportunitajiet indaqs fl-iżvilupp professjonali tiegħu.

28 Rawwem il-kooperazzjoni professjonali u personali, u kun miftuħ u lest li tikkondividi l-għarfien u tgħin lill-kollegi tiegħek minn direttorati u dipartimenti oħra tal-QEA. Uri rispett għall-opinjoni ta' oħrajn u aċċetta li jista' jkun hemm nuqqas ta' qbil raġonevoli f'xogħlok. Il-feedback irid jingħata b'mod rispettuż, ġust u kostruttiv.

29 Il-Membri, is-Segretarju Ġenerali u l-manigġers kollha għandhom responsabbiltà partikolari biex jippromwovu ambjent tax-xogħol tajjeb, li huwa essenzjali kemm għall-ilħuq tal-objettivi tal-QEA kif ukoll biex tiġi żgurata s-sodisfazzjon tal-persunal. Dan irid jinkludi l-evitar ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, l-aderenza mal-politika tal-QEA biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol rispettuż, deċenti u ħieles mill-fastidju, u turija attiva ta' appoġġ għal politika ta' diversità u inklużjoni fil-QEA.

30 Meta tittratta mal-pubbliku, uri impenn, kompetenza, kortesija u kun ta' għajnuna. It-talbiet għal informazzjoni jridu jiġu moqdija immedjatament, b'konferma tar-riċevuta. Ir-risposti jridu jinkitbu bil-lingwa użata mir-rikjedent, sakemm tkun lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u ġeneralment iridu jintbagħtu fi żmien 15-il jum ta' xogħol. Jekk dan ma jkunx possibbli, ibgħat risposta proviżorja u aġti limitu ta' żmien raġonevoli għas-segwitu.

31 Aħna rridu niprovdu notifika bil-miktub immedjatament ta' kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa d-drittijiet u l-interessi tal-individwi (eż. kwistjonijiet tal-persunal bħal promozzjonijiet, ħatriet, jew drittijiet finanzjarji), l-ewwel nett, lil dawk in-nies ikkonċernati direttament. Jenġtieg li n-notifika tiddikjara l-possibiltajiet għal appell mid-deċiżjoni, il-korpi li quddiemhom isir l-appell, u d-dati ta' skadenza li fihom irid isir (b'mod partikolari, il-korpi ġudizzjarji u l-Ombudsman).

Obbligi etiċi tal-persunal tal-QEA bħala impjegati taċ-ċivil tal-UE

32 It-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-UE. Uħud minn dawn huma deskritti hawn taħt f'aktar dettall, b'indikazzjonijiet dwar kif jistgħu jiġu sodisfatti l-obbligi. Xi obbligi huma żviluppatti aktar f'dokumenti, deċiżjonijiet u politiki oħra, li għalihom dawn il-linji gwida jagħmlu referenza kull fejn possibbli. Biex tiggarrantixxi mgħiba f'konformità mar-rekwiżiti etiċi tar-Regolamenti tal-Persunal, jenġtieg li żżomm dejjem f'moħħok il-prinċipji li ġejjin.

33 Kawtela: dejjem żomm id-dinjità tal-pożizzjoni tiegħek, irrifletti kemm fuq l-imprikazzjonijiet possibbli tal-azzjonijiet tiegħek kif ukoll fuq il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' azzjoni, u uri livell xieraq ta' moderazzjoni, trażżin u sens dovut ta' proporzjon f'kull ħin u f'kull ma tagħmel jew tgħid.

34 Lealtà: inti marbut b'dmir ta' lealtà lejn l-istituzzjoni u lejn l-Unjoni Ewropea. Din hija parti essenzjali mill-kontribut tiegħek għall-missjoni tal-QEA u l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjoni.

35 Rispett: dan huwa l-pedament għall-fiduċja, is-sikurezza u l-benessri, u huwa pilastru tal-kultura korporattiva tal-QEA.

36 Sens ta' responsabbiltà: wettaq il-kompiti tiegħek bl-akbar sens ta' dmir possibbli, u fittex soluzzjonijiet meta jinqalgħu diffikultajiet. Kun af u onora l-obbligi legali tiegħek u r-regoli u l-proċeduri amministrattivi korrispondenti.

37 Transparenza u obbligu ta' rendikont: trid tkun kapaċi tispjega r-raġunijiet wara d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tiegħek.

Kondotta ġenerali

L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal

“L-Uffiċjal għandu joqgħod lura minn kull azzjoni jew imġiba li tista' tirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni tiegħu.”

38 Għandek toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni jew imġiba li tista' tagħti fama ħażina lis-servizz ċivili tal-UE. Dan japplika kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fid-dinja ta' barra. Atti jew imġiba inaċċettabbli jistgħu jirriżultaw fi proċedimenti dixxiplinarji.

Evitar ta' kunflitt ta' interess

L-Artikolu 11(a) tar-Regolamenti tal-Persunal

39 *“Uffiċjal m'għandux, fil-qadi ta' dmirijietu u għajr kif ipprovdut minn hawn 'l quddiem, jieħu ħsieb affari li fihom, direttament jew indirettament, għandu xi interess personali tali li jfixkel l-indipendenza tiegħu, u, partikolarment, l-interessi tal-familja jew finanzjarji.”* Jenħtieġ li tevita kunflitti ta' interess, jew kwalunkwe apparenza ta' kunflitt ta' interess, biex tipprevieni allegazzjonijiet ta' preġudizzju u parzjalità jekk int involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Jekk issib ruġek f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess reali jew apparenti (jiġifieri tiġi msejjaħ biex tiddeċiedi dwar kwistjoni li fiha għandek interess personali li jista' jikkomprometti l-imparzjalità tiegħek), jenħtieġ li immedjatament tinforma lill-manijer(s) tiegħek, li mbagħad jirreferi/u l-kwistjoni lis-Segretarju Ġenerali jekk ikun meħtieġ. Alternattivament, tista' tinforma lis-Segretarju Ġenerali direttament bil-miktub. F'tali sitwazzjoni, tista' tiġi temporanjament sospiż minn dawk il-kompiti tiegħek li qed jagħtu lok għal kunflitt ta' interess.

40 Obbligi addizzjonali ġejjin minn dispożizzjonijiet fir-Regolamenti tal-Persunal li huma maħsuba biex jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess:

- (1) Iddikjara l-impjeg bi qliġ tal-konjuġi jew tas-sieħeb tiegħek (l-Artikolu 13 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-formola għad-dikjarazzjoni tinsab fil-Portal tar-Riżorsi Umani)
- (2) Itlob permess minn qabel għal attivitajiet esterni matul servizz attiv jew għal liv minħabba raġunijiet personali (l-Artikolu 12(b) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Avviż għall-Persunal 152/2021, il-formola għad-dikjarazzjoni tinsab fil-Portal tar-Riżorsi Umani)
- (3) Itlob permess minn qabel għal kwalunkwe attività okkupazzjonali li trid titwettaq fi ħdan perjodu ta' sentejn wara li titlaq mis-servizz (l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Avviż għall-Persunal 152/2021, il-formola għad-dikjarazzjoni tinsab fil-Portal tar-Riżorsi Umani)
- (4) Iddikjara intenzjoni li tikkontesta għall-uffiċċju pubbliku (l-Artikolu 15 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-formola għad-dikjarazzjoni tinsab fil-Portal tar-Riżorsi Umani)
- (5) Iddikjara l-intenzjoni li tippubblika kwalunkwe kwistjoni li tittratta x-xogħol tal-UE (l-Artikolu 17(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-formola għad-dikjarazzjoni tinsab fil-Portal tar-Riżorsi Umani)

Limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni

L-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal

“Uffiċjal għandu jżomm lura minn kull żvelar mhux awtorizzat tal-informazzjoni riċevuta waqt il-qadi ta' dmirijietu, sakemm dik l-informazzjoni mhux diġà magħmula pubblika jew hija aċċessibbli għall-pubbliku.”

41 Inti trid iżżomm mal-politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni tal-QEA, ir-regoli għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE, il-politika dwar il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni u l-linji gwida, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2018/1725 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet tal-UE u r-regoli interni relatati kollha. F'każ ta' dubju, jenħtieġ li tikkonsulta lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) jew lill-Uffiċjal għas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISO) tal-QEA.

42 Meta tesprimi opinjonijiet trid tosserva l-prinċipji tal-lealtà u tat-trażżin, speċjalment meta dawk l-opinjonijiet ikunu manifestament differenti mill-politiki jew mill-pożizzjonijiet iddikjarati tal-istituzzjoni. Dan il-punt huwa partikolarment validu għall-manigġers. Kwalunkwe opinjoni rigward l-attivitajiet tal-UE trid tiġi espressa b'moderazzjoni u taħt ir-responsabbiltà unika tiegħek.

43 Irrispettivament mill-mezz użat biex tiġi espressa opinjoni personali dwar l-attivitajiet tal-UE, jenħtieġ li dan jintuża f'kapaċità privata, u jintwera b'mod ċar li d-dikjarazzjonijiet u l-opinjoni huma personali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dejjem taġixxi b'mod responsabbli u toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni jew dikjarazzjoni li tista' tirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni tiegħek jew tal-QEA (l-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal).

Rigali u ospitalità

L-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti tal-Persunal

“Mingħajr il-permess tal-awtorità tal-ħatra, l-uffiċjal ma jistax jaċċetta minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe entità oħra minbarra l-istituzzjoni tiegħu xi onorifiċenza, dekorazzjoni, favur, rigal jew ħlas ta' kwalunkwe natura, ħlief għas-servizzi mogħtija qabel il-ħatra tiegħu, matul leave speċjali għas-servizz militari jew nazzjonali ieħor jew għal dak it-tali servizz.”

44 Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li r-rigali li jingħataw f'kuntast professjonali, li jkollhom valur li jkun aktar minn wieħed simboliku, ma jiġux aċċettati. F'ċirkustanzi eċċezzjonali (pereżempju jekk ikun meħtieġ bħala korteżija soċjali, jew jekk għal raġunijiet kulturali jew diplomatiċi rifjut jista' jiġi interpretat ħażin), u jekk ċarament m'hemm l-ebda riskju għall-interessi u l-immagna pubblika tal-QEA, rigali jew ospitalità b'valur stmat ta' inqas minn EUR 50 jistgħu jiġu aċċettati mingħajr ma l-ewwel jintalab permess. Rigali b'valur ta' bejn EUR 50 u EUR 150 jistgħu jiġu aċċettati biss bil-permess tal-Awtorità tal-ħatra, li tqis il-fatturi li ġejjin:

- (1) in-natura tal-entità li qed toffri r-rigal, u l-għadd ta' pjaċiri jew rigali li ġew riċevuti preċedentement mill-istess sors;
- (2) il-motiv apparenti wara r-rigal;
- (3) ir-rabta bejn l-entità li qed toffri r-rigal u l-QEA;
- (4) kwalunkwe implikazzjoni għall-interessi tal-QEA;
- (5) il-persuna jew il-persuni li lilhom qed jingħata r-rigal, u d-dmirijiet tagħhom;
- (6) in-natura u l-valur stmat tar-rigal.

45 Il-permess ma jingħatax f'każ ta' rigali li l-valur stmat tagħhom jaqbeż EUR 150. Jenħtieġ li tevita li takkumula r-rigali, anke dawk b'valur ta' inqas minn EUR 50 u irrispettivament mis-sors, billi dan jista' jiġġenera kunflitt ta' interess.

46 Ir-rigali fi flus kontanti għandhom dejjem jiġu rifjutati.

47 Offerti ta' ospitalità, bħal ikliet ta' ħidma ta' nofsinhar jew filgħaxija, li l-persuna tattendi għalihom fl-eżerċizzju ta' dmirijietha, jistgħu jiġu aċċettati sakemm ma jkunx

hemm riskju ta' kunflitt ta' interess, kemm reali jew perċeput. Il-missjonijiet li għalihom l-ispejjeż għandhom jiġu koperti minn sors estern, jenħtieġ li jiġu aċċettati biss fejn ikunu fl-interess tas-servizz, u jekk ma jkun hemm l-ebda riskju ta' xi kunflitt ta' interess reali jew apparenti.

48 Jekk ikollok bżonn tirrifjuta rigal, għamel dan b'mod diplomatiku u edukat iżda sod, u jekk ikun meħtieġ irreferi għall-obbligi li ġejjin mir-Regolamenti tal-Persunal u minn dawn il-linji gwida.

Obbligi li tassisti s-superjuri tiegħek u li ssegwi l-istruzzjonijiet

L-Artikoli 21 u 21(a) tar-Regolamenti tal-Persunal

“Uffiċjal, ikun xi jkun il-grad tiegħu, għandu jassisti u jgħaddi pariri lis-superjuri tiegħu; huwa għandu jkun reponsabbli mill-qadi tad-dmirijiet assenjati lilu.

[...]

Uffiċjal li jirċievi ordnijiet li jikkunsidra li huma irregolari jew x'aktarx se joħolqu diffikoltajiet serji għandu jinforma s-superjur ta' fuqu, li għandu, jekk l-informazzjoni tingħata bil-miktub, iwieġeb bil-miktub. Suġġett għall-paragrafu 2, jekk is-superjur ta' fuqu jikkonferma l-ordnijiet u l-uffiċjal jemmen li t-tali konferma ma tikkostitwix risposta raġonevoli għar-raġunijiet għat-tħassib tiegħu, l-uffiċjal għandu jirreferi l-kwestjoni bil-miktub lill-awtorità tal-ġerarkija ta' fuqha eżatt. Jekk ta' l-aħħar jikkonferma l-ordnijiet bil-miktub, l-uffiċjal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-istandards rilevanti ta-sigurtà.”

49 Jenħtieġ li tassisti u tgħaddi pariri lis-superjuri tiegħek, u trid issegwi l-istruzzjonijiet sakemm ma jkunux manifestament illegali. Inti responsabbli mit-twettiq tad-dmirijiet assenjati lilek. Madankollu, inti mistieden u anke nħeġġuk biex toffri suġġerimenti u kritika kostruttiva.

Relazzjonijiet mal-kollegi

L-Artikolu 12(a) tar-Regolamenti tal-Persunal

“L-Uffiċjali għandhom joqogħdu lura minn kull forma ta' turment psikoloġiku jew sesswali.”

50 Ambjent tax-xogħol ibbażat fuq kollaborazzjoni effettiva u effiċjenti jiddependi mir-rispett reċiproku bejn il-kollegi, mit-tolleranza ta' differenzi, u minn komunikazzjoni edukata u ċara, irrISPETTIVAMENT mill-istatus ġerarkiku.

51 Fil-QEA hemm tolleranza zero għal kwalunkwe forma ta' fastidju psikoloġiku u sesswali.

52 Bl-ebda mod ma għandek timmina d-dinjità tal-kollegi tiegħek permezz ta' mġiba mhux xierqa jew lingwaġġ aggressiv jew defamatorju. Kwalunkwe forma ta' mġiba mhux xierqa jew aggressiva tista' tirriżulta f'azzjoni dixxiplinarja.

L-għoti ta' evidenza fi proċedimenti legali

L-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal

“Uffiċjal m'għandux, mingħajr il-permess tal-awtorità tal-ħatra, jiżvela għall-ebda raġuni, fi proċeduri legali informazzjoni li jaf biha minħabba dmirijietu. Il-permess għandu jkun rifjutat biss fejn l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu u t-tali rifjut ma jgħibx konsegwenzi kriminali sa fejn l-uffiċjal huwa kkonċernat.”

53 Jekk tiġi msejjaħ biex tipprovi evidenza fi proċedimenti legali relatati max-xogħol tiegħek, l-ewwel għandek titlob l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità tal-ħatra, ħlief meta tiġi mħarrek mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew mill-Bord tad-Dixxiplina. Dan ikun japplika wkoll għal proċeduri li huma analogi għal proċedimenti legali bħall-arbitraġġ, fejn ix-xhieda jistgħu jiġu mġiegħla jidhru bħal fil-proċedimenti quddiem il-Qorti. Fil-prinċipju, din l-awtorizzazzjoni tingħata. Meta l-awtorità kompetenti tkun tat l-awtorizzazzjoni, inti tiġi nnotifikat li l-immunità tiegħek tneħħiet.

Rappurtar ta' għemil ħażin serju (żvelar ta' informazzjoni protetta)

L-Artikoli 22(a) u 22(b) tar-Regolamenti tal-Persunal

“1. Kull uffiċjal li matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu, isir jaf b'xi fatti li joħolqu supposizzjoni għall-eżistenza ta' attività possibbilment illegali, inklużi frodi jew korruzzjoni, li hija detrimental għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' kondott relatata mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas serju biex iħarsu l-obbligi ta' l-uffiċjali tal-Unjoni, għandhu mingħajr dewmien javża jew lis-superjur ta' fuqu eżatt jew id-Direttur Ġenerali tiegħu jew, jekk jaħseb li tkun utli, lis-Segretarju Ġenerali, jew il-persuni fil-posizzjonijiet ekwivalenti, jew dirett lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

2. Kull uffiċjali li jirċievi l-informazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 għandu mingħajr dewmien jittrasmetti lil OLAF, kull evidenza li jaf biha, li minnha l-eżistenza ta' l-irregolaritajiet riferuti fil-paragrafu 1 tista' tkun preżunta.

3. *Uffiċjal m'għandux isofri minn xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni, bħala riżultat talli kkomunika l-informazzjoni riferuta fil-paragrafi 1 u 2, sakemm aġixxa raġonevoli u bl-onestà."*

54 Jekk m'intix ċert jekk fatti li sirt taf bihom jindikawx irregolarità serja, iżda tissuspetta li jikkostitwixxu mgħiba mhux etika, tista' tirrappurtahom ukoll lis-superjuri tiegħek jew lis-Segretarju Ġenerali. Tista' tfittex parir ukoll mingħand il-konsulenti etiċi tal-QEA.

55 Il-Membri u l-manigġers tal-QEA għandhom responsabbiltà speċjali biex jgħinu u jiproteġu lill-persunal li jiżvela u jirrapporta għemil ħażin fit-termini ddikjarati fir-Regolamenti tal-Persunal.

56 Il-QEA adottat gwida dettaljata dwar ir-rappurtar ta' għemil ħażin serju. Din hija disponibbli fil-paġna dwar l-Etika fuq l-intranet.

Dmir li tkun għad-dispożizzjoni tal-istituzzjoni

L-Artikoli 20, 55 u 60 tar-Regolamenti tal-Persunal

"Uffiċjal għandu jgħix jew fil-post fejn huwa mpjegat jew f'distanza mhux aktar il-bogħod milli huwa kompatibbli mal-qadi sew ta' dmirijietu. L-uffiċjal għandu javża lill-Awtorità tal-Ħatra bl-indirizz tiegħu u għandu javzaha minnufih b'kull bidla fl-indirizz."

"Uffiċjali f'impieg attiv għandhom f'kull ħin ikunu għad-dispożizzjoni ta' l-istituzzjoni tagħhom."

"Ħlief fil-każ ta' mard jew inċident, uffiċjal ma jistax ikun assenti mingħajr permess minn qabel tas-superjur tiegħu dirett fuqu. [...] Jekk uffiċjal jixtieq iqatta' l-leave x'imkien ieħor barra l-post fejn huwa mpjegat għandu jikseb il-permess minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra."

57 L-obbligu li tkun għad-dispożizzjoni tal-QEA f'kull ħin ma jfissirx li tkun disponibbli għax-xogħol f'kull ħin, iżda li tista' tintlaħaq mill-istituzzjoni jkun x'ħin ikun f'każ ta' bżonn urġenti. Dan jinkludi l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' residenza stabbiliti fl-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal u fid-[Deċiżjoni 61-2021](#). Biex tkun ċert li tista' tintlaħaq mill-istituzzjoni, jenħtieġ li tipprovdi l-indirizz u numru tat-telefown privat tiegħek, li jintużaw biss f'każ ta' emerġenza, jew meta l-istituzzjoni tkun teħtieġ teżerċità d-dmir ta' diliġenza tagħha lej. Dan l-obbligu jfisser ukoll il-konformità mar-rekwiżit li titlob awtorizzazzjoni biex tqatta' l-liv minħabba mard 'il bogħod mill-post tal-impjeg (ħlief f'każijiet ta' emerġenza jew fl-impossibbiltà li tagħmel dan), l-osservazzjoni tal-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol, il-ġimgħa normali tax-xogħol, l-arranġamenti normali għal-liv u t-telexogħol, u li ma tkunx assenti mix-xogħol mingħajr permess jew ġustifikazzjoni.

Nuqqas ta' konformità mal-obbligi li ġejjin mir-Regolamenti tal-Persunal

L-Artikolu 86 u l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal

“Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.”

58 Fejn ikun hemm suspett li eks membru jew membru attwali tal-persunal naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza, tista' titnieda investigazzjoni amministrattiva biex jiġu stabbiliti l-fatti. Jekk l-investigazzjoni ssib li kien hemm ksur ta' obbligu stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal, dan jista' jwassal għal proċedimenti dixiplinarji.

59 Fil-kors ta' kwalunkwe investigazzjoni, il-persuna/i involuta/i għandha/hom id-dritt ta' difiża, id-dritt ta' smiġħ u l-preżunzjoni ta' innoċenza mingħand il-QEA. Meta l-QEA tiegħu miżuri dixiplinarji, dan ma jipprekludix id-dritt tagħha li tibda proċedimenti ċivili jew kriminali, f'każ ta' ksur ta' liġijiet nazzjonali jew internazzjonali.